# Ix-xjenza - f'dawn l-aħħar snin

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-istorja tal-Bniedem, jara l-bidla li saret fih minn żmien għall-ieħor, sew fil-għaqal u l-ġabra tiegħu kemm ukoll fid-drawwiet. Nafu kif il-bniedem kien igħix: l-ewwel f'daqsxejn ta' għar, imħaffer b'għodda mhux ta' metal, kif inħaddmu aħna, iżda b'għodda tal-ġebel, imfassla biex jistgħu jħaffru bihom. Iktar 'il quddiem, il-bniedem beda jibni xi ħaġa aħjar minn għar sakemm fl-aħħar wasal biex jagħmel dak li l-lum insejħulhom l-aqwa palazzi.

Ix-xmara taż-żmien baqgħet sejra: l-ewwel għaddiet minn fuq dak il-ħafna ħotob u ġebel li ssib meta tinżel minn fuq il-għolja, imbagħad infexxet ġo l-ilma tal-baħar, fejn baqgħet sejra, iżda bil-qajl u bil-kwiet.

Issa għal dak id-dlam u dak l-isħab iswed ta' l-injoranza li fih il-bniedem kien qiegħed ifittex triq għad-dawl, issa feġġet ix-xemx ta' l-għerf li f'dawn l-aħħar snin, qanqal id-dinja mis-sisien tagħha u qiegħdha fuq sisien aktar sħaħ.

X'ma tfaħħarx il-kobor tax-xogħol t'Alla, meta tiftakar li l-egħġubijiet, biex insejħulhom hekk, ta' dawn iż-żmenijiet, huma kollha xogħol tal-bniedem!

F'dawn l-aħħar snin xejn ma sar ġdid ħlief it-*Television*, il-bqija huwa kollu xogħol iktar mgħoddi 'l quddiem ta' ħwejjeġ oħra misjuba qabel.

Nieħdu l-*Wireless*. Sa ftit taż-żmien ilu ma kienx hekk 'il quddiem kif inhu llum, iżda bil-wisq inqas.

Illum, billi x-xjenza ħadet dak il-pass f'daqqa waħda, insibu fil-*Wireless* u fil-ħwejjeġ l-oħra, dik ix-xi ħaġa miżjuda biex iktar tagħmilha taħdem bir-reqqa. L-istazzjonijiet tar-*Radio* saru iktar igħajtu meta dari kienu bil-kemm jinstemgħu.

L-Ajruplan mhux invenzjoni ta' dawn l-aħħar snin, għaliex l-ewwel titjira li saret kienet mill-aħwa Wright fl-1910, iżda, f'dak iż-żmien, l-ajruplan ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak li hu l-lum. Dari, meta ajruplan kien itir għal-mil, kienu jgħidu li għamel wisq, izda l-lum l-ajruplan għandu l-ħila jaqsam l-Atlantiku fi żmien qasir. Ħaġ'oħra li l-ajruplani ta' dari ma kellhomx, hija l-ħeffa li biha jimxu. Il-lum l-ajruplan mħabba fil-mixi ħafif tiegħu huwa l-aqwa għodda tal-gwerra li jista' jagħmel ħafna ħsara mingħajr ma jolqtuh malajr.

L-aqwa rebħ li sar f'dawn l-aħħar snin fil-progress tax-xjenza huwa tabilħaqq fil-Mediċina. Il-kixfa ta' l-*Ultra Violet*

*Rays* hija waħda mill-aqwa fil-ġrajja tal-mediċina. Hija rimedju għal kull marda li minnha l-bniedem jista' jinħeles. Il-professuri sabu fiha l-aħjar mezz biex ifejqu dawk il-mardiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għal poplu sħiħ.

Kixfa kollha kemm hi ta' dawn l-aħħar snin, hija l-Vitamini. Instab illi jekk il-bniedem ikun nieqes minn xi għajnuniet jista' jaqa' f'xi mardiet koroh. Nieħdu, bħala ħjiel, innuqqas ta' ħwejjeġ bħal-ħalib, butir, zunnarija u żejt tal-ħut —mingħajrhom il-bniedem jimrad b'għajnejh. Il-Vitamini huma erbgħa, magħrufa bl-ittri A, B, C u D u kull wieħed għandu l-ħwejjeġ tiegħu u l-mard li jġib.

Fl-1928, Banting, il-professur kbir Kanadiż, sab element jissejjaħ *"Insulin"* li bih kellu l-ħila ifejjaq il-morda bid-dijabete, u ftit qabel, instab rimedju ieħor biex jitfejjaq il-Kanċer u dan huwa l-użu tar-*Radium.*

Dawn iż-żewġ ħwejjeġ jagħalqu l-bibien għal żewġ mardiet l--aktar koroh, illi bihom il-bniedem kien jista' jhejji t-trab biex jitgħatta.

Nagħlaq billi nsemmi x-xjenzjat kbir tedesk, Einstein, li f'dawn l-aħħar snin, xandar l-magħrufa teorija tar-Relatività. Hija ħaġa li tgħaġġbek, jaf biha tista' tgħid kullħadd, iżda sebgħa biss kellhom il-ħila jifhmuha, u dawn huma l-istudenti ta' Einstein.

Einstein wera illi żewġ rigi li huma paralleli għandhom xi darba jiltaqgħu, illi, barra d-dinja hemm xi ħaġa li jwaqqaf ix-xejn u ħafna teoriji oħra bħal dawn.

Kieku kliem bħal dan qalu xi ħadd ieħor, kieku żgur kien jaqa' għaċ-ċajt, iżda minn bniedem bħal Einstein li huwa wieħed mill-aqwa xjenzjati tas-seklu għoxrin, m'aħniex sejrin nistennew ħwejjeġ li għall-inqas ma ħaqqhomx min jistudjahom; għalhekk jekk it-teoriji ta' Einstein għad jisfaw magħrufa, it-teoriji tal-ġeometrija Ewklidjana kollha jinqalbu u d-dinja jkollha tilqa' Rivoluzzjoni oħra biex it-tagħlim tagħha jitqiegħed fuq sisien ġodda.

Henry P. J. Copperstone
(Student tax-Xjenza)